

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000200/2011**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Gesine Meissner, Renate Weber, Baroness Sarah Ludford, Alexander Alvaro, Sonia Alfano, Olle Schmidt, Gianni Vattimo, Sophia in 't Veld, Izaskun Bilbao Barandica, Giommaria Uggias, Nathalie Griesbeck, Vilja Savisaar-Toomast, Jelko Kacin, Andrea Zannoni, Ramon Tremosa i Balcells**

f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: Scanners tas-sigurtà

Il-Kummissjoni pproponiet li tinkludi body scanners fost il-metodi permessi għall-iskrining ta' passiġġieri fl-ajruporti tal-UE, flimkien ma' miżuri ta' implimentazzjoni li jippermettu lill-Istati Membri jużaw scanners li jipproduċu immaġni tal-ġisem ta' persuna li jiġu analizzati minn persuna oħra, mingħajr ma ġie speċifikat li dawn l-immaġni għandhom ikunu mċajprin jew f'forma ta' figura magħmula minn stikek, kif rikjest mill-Parlament Ewropew fil-paragrafu 27 tar-rapport tiegħu P7\_TA(2011)0329, adottat f'Lulju 2011.

Il-Kummissjoni ma taħsibx li l-proposta għandha impatt serju fuq id-dritt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data taċ-ċittadini tal-UE?

Ma taħsibx li l-oġġettiv ta' sigurtà ogħla fl-ajruporti jista' jintlaħaq mingħajr metodi intrużivi bħal dawn, partikolarment billi jintużaw tekniki oħra li jiproteġu l-identità tal-passiġġieri u jiżguraw li ma jistgħux jiġu identifikati permezz ta' immaġni tal-ġisem tagħhom?

Il-Kummissjoni ma taħsibx li miżuri vinkolanti li għandhom tali impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini dejjem għandhom jiġu adottati permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja, li tippermetti li l-Parlament Ewropew ikun involut b'mod aktar xieraq u li tiżgura t-trasparenza meħtieġa u l-pubbliċità ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari għaċ-ċittadini tal-UE, kif rikjest fil-paragrafu 56 tar-rapport tiegħu P7\_TA(2011)0329, adottat f'Lulju 2011?

Kif se tkun iggarantita s-sigurtà ta' data personali li tiġi trattata fl-ajruport mill-body scanners?

Imressqa: 15.9.2011

Mgħoddija: 19.9.2011

L-iskadenza għat-tweġiba: 26.9.2011